# IS-SILLABU TAĊ-ĊES (2021)

| | |
|---|---|
| **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ** | **SEC 25** |
| **IS-SILLABU** | |

**ĊES 25 IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ**

**Syllabus Addendum**

*Tibdil għas-Sessjoni tal-Eżamijiet tal-MATSEC 2021*

| | |
|---|---|
| Bidliet fil-Kontenut tas-Suġġett | **Jitnaqqas il-kontenut;**<br><br>**A. Il-PJAN TA' ALLA GĦAS-SALVAZZJONI**<br>***3. Il-Komunità tas-Salvazzjoni***<br>iii.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jissokta l-ħidma tiegħu ta' fejqan tal-firdiet soċjali, politiċi u razzjali u joffri ħelsien sħiħ lill-persuna tal-bniedem; il-prinċipji tat-tagħlim soċjali tal-Knisja; l-impenn tan-nisrani għall-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.<br><br>**B. IL-ĦAJJA TAN-NISRANI**<br>**3. L-ogħla valuri fil-ħajja**<br>(b) L-attituduni tan-nisrani lejn ix-xogħol.<br><br>**4. Lejn il-ħajja ta' dejjem**<br>It-Tama nisranija: il-qawwa tat-tama nisranija mibnija fuq ir-rabta tan-nisrani mat-Trinità Qaddisa: il-ħajja ma' Alla - il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Il-milja ta' din il-ħajja fil-glorja. |
| Bidliet fil-Coursework | N/A |
| Bidliet fil-Karta tal-Eżami | L-Ewwel Karta<br>Sezzjoni A. Din tkopri nofs il-marki u tkun tikkonsisti fi **tletin mistoqsija biex jirrispondu ħamsa u għoxrin (25) mistoqsija**. Dawn il-mistoqsijiet jitolbu tweġibiet diretti u oġġettivi li jkopru s-sillabu kollu, bl-għan li jeżaminaw lill-istudenti skont kif jidher f'Objettiv numru 1 iktar 'il fuq. *<br><br>Sezzjoni B. Din tkopri kwart tal-marki, u tkun tikkonsisti fi **tmien mistoqsijiet biex jirrispondu ħames mistoqsijiet** li jirrikjedu tweġibiet iktar fit-tul daqs paragrafu. Dawn il-mistoqsijiet jeżaminaw lill-istudenti skont kif jidher f'Objettiv numru 2 iktar 'il fuq.<br><br>* Sezzjoni Ċ. Din tkopri l-aħħar kwart tal-marki u tkun tikkonsisti f'żewġ settijiet ta' mistoqsijiet li jirreferu direttament għal silta mill-Bibbja u / jew għal xi punt mid-duttrina tal-Knisja meħuda mis-sillabu stess fil-parti **dwar Il-PJAN TA' ALLA GĦAS-SALVAZZJONI.** Din is-sezzjoni teżamina lill-istudenti skont Objettiv numru 3 kif jidher iktar 'il fuq. Il-mistoqsijiet fit-tliet sezzjonijiet iridu jkunu mwieġba kollha. |

| | |
|---|---|
| | It-Tieni Karta A jkollha mistoqsijiet iktar impenjattivi minn dawk fl-Ewwel karta – l-istudenti jkunu mitluba jagħżlu tliet titli ta' esejs minn **sitta** (kull waħda minnhom ikollha tliet mistoqsijiet interni li l-istudenti huma mitluba jwieġbu fid-dettall).<br><br>It-Tieni Karta B jkollha mistoqsijiet inqas impenjattivi minn dawk fl-Ewwel karta – l-istudenti jkunu mitluba jagħżlu għaxra (10) minn **sittax-il** mistoqsija , kull waħda titlob tweġiba daqs paragrafu. |

***MATSEC Examinations Board***
***October 2020***

| **It-Tagħlim Reliġjuż** | **ĊES 25** | (Ma jsirx f'Settembru) |
|---|---|---|
| **Is-Sillabu** | | L-1 Karta (Sagħtejn) + It-2 Karta (Sagħtejn) |

## Introduzzjoni

L-għan tal-programm fl-Edukazzjoni Reliġjuża hu li jgħin lill-istudenti jiżviluppaw u jimmaturaw id-dimensjoni personali, reliġjuża u spiritwali tagħhom. It-temi prinċipali ta' dan is-sillabu isegwu l-Istorja tas-Salvazzjoni bi Kristu bħala l-milja tar-rivelazzjoni. Is-Sillabu jitratta wkoll il-mistoqsijiet fundamentali li l-istudenti normalment jagħmlu u jkopri l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet eżistenzjali tal-istudenti. B'dan il-mod is-sillabu jipprova jintegra flimkien l-approach teoloġiku iċċentrat fuq il-kontenut u l-approach tematiku li jsegwi l-metodu psikoloġiku.

## L-Għanjiet tal-Eżami

L-għan ewlieni ta' dan is-sillabu huwa li jgħin lill-istudenti jiżviluppaw id-dimensjoni reliġjuża tal-personalita' tagħhom f'rabta mal-proċess ta' maturazzjoni tal-persuna kif ukoll mas-sistema edukattiv f'pajjiżna. Għandu l-għan ukoll li jgħin lill-istudenti, li f'din l-eta' jkunu kibru fl-iżvilupp intellettwali u morali tagħhom, biex b'mod kritiku u responsabbli,jagħrfu jevalvaw u jintegraw f'ħajjithom id-dimensjoni tal-fidi nisranija mal-esperjenza umana tagħhom

Objettivi oħra għal skop ta' marki fl-eżami :
1. Li juru li kapaċi jifhmu l-lingwaġġ, it-termini u l-kunċetti l-aktar użati fit-twemmin Kattoliku u fil-liturġija;
2. Li jippreżentaw b'mod sistematiku u oġġettiv l-elementi fundamentali tat-twemmin Kattoliku (il-Fidi, il-Morali, il-Liturġija) u jagħtu spjegazzjoni raġunata u dokumentata tagħhom;
3. Li juru li jkunu midħla tal-Bibbja u ta' dokumenti oħra tat- Tradizzjoni Kattolika;
4. Li juru li jkunu fehmu kif in-Nisrani għandu jinterpreta u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru u għall-kwistjonijiet morali ta' żmienna fid-dawl tal-Bibbja u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika;
5. Li jkunu kapaċi juru r-rabta bejn il-fidi tan-Nisrani u l- ħajja ta' kuljum.

## L-Iskema tal-Marki

L-eżami jikkonsisti f'żewġ karti ta' sagħtejn-il waħda. Il-karti tal-eżami jkunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. L-istudenti iridu jagħżlu jweġbux kollox bil-Malti jew kollox bl-Ingliż.
L-Ewwel Karta (40% tal-marka globali) irid iweħibha kulħadd u tkun maqsuma fi tlett sezzjonijiet :* Sezzjoni A. Din tkopri nofs il-marki u tkun tikkonsisti f'ħamsa u għoxrin (25) mistoqsija. Dawn il-mistoqsijiet jitolbu tweġibiet diretti u oġġettivi li jkopru s-sillabu kollu, bl-għan li jeżaminaw lill-istudenti skont kif jidher f'Objettiv numru 1 iktar il-fuq. * Sezjoni B. Din tkopri kwart tal-marki, u tkun tikkonsisti f'ħames mistoqsijiet li jirrikjedu tweġibiet iktar fit-tul daqs paragrafu. Dawn il-mistoqsijiet jeżaminaw lill-istudenti skont kif jidher f'Objettiv numru 2 iktar il-fuq.
* Sezjoni Ċ. Din tkopri l-aħħar kwart tal-marki u tkun tikkonsisti f'żewġ settijiet ta' mistoqsijiet li jirreferu direttament għal silta mill-Bibbja u / jew għal xi punt mid-duttrina tal-Knisja meħuda mis-sillabu stess. Din is-sezzjoni teżamina lill-istudenti skont Objettiv numru 3 kif jidher iktar il-fuq. Il-mistoqsijiet fit-tlett sezzjonijiet iridu jkunu mwieġba kollha.

Ikun hemm żewg verżjonijiet tat-Tieni Karta (60% tal-marka globali): it-Tieni Karta A u t-Tieni Karta B. L-istudenti huma mitluba jindikaw mar-reġistrazzjoni liema waħda minn dawn il-Karti se jagħmlu, hux A jew B. Wara r-reġistrazzjoni ma jkunx possibbli li din l-għażla tinbidel
Kemm it-Tieni Karta A kif ukoll it-Tieni Karta B ikun fihom mistoqsijiet ta' natura evalwattiva tas-suġġett. L-istudenti jkun mistenni minnhom mhux biss li juru ħakma tajba fuq it-temi li jkunu jitrattaw, imma wkoll li juru li huma kapaċi jevalwaw u japplikaw dak li tgħallmu mir-Reliġjon għall-ħajja ta' kuljum tan-nies fi żmienna. Dan fid-dawl ta' Objettivi 3 u 4 kif indikat iktar il-fuq. It-Tieni Karta A jkollha mistoqsijiet iktar impenjattivi minn dawk fl-Ewwel karta – l-istudenti jkunu mitluba jagħżlu tlett titli ta' esejs minn ħamsa (kull waħda minnhom ikollha tlett mistoqsijiet interni li l-istudenti huma mitluba jwieġbu fid-dettall).
It-Tieni Karta B ikollha mistoqsijiet inqas impenjattivi minn dawk fl-Ewwel karta – l-istudenti jkunu mitluba

jagħżlu għaxra (10) minn erbatax-il mistoqsija , kull waħda titlob tweġiba daqs paragrafu.

**Riżultati**

L-istudenti li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa 5 (jiġifieri Gradi 1, 2, 3, 4, 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (mhux klassifikat).
L-istudenti li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, 7). Min ma jġibx Grad 7 jibqa' U (mhux klassifikat).

**Is-Sillabu**

**A. Il-PJAN TA' ALLA GĦAS-SALVAZZJONI**

***1. II-bniedem li jfittex u t-tweġiba ta' Alla***

(a) Ir-reliġjonijiet bħala xhieda tat-tfittxija tal-bniedem biex jifhem. (b) It-tweġiba ta' Alla: Il-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla fi kliem il-bniedem, l-ispirazzjoni, l-interpretazzjoni tal-Bibbja . Alla jidħol fl-istorja permezz ta' ġrajjiet u kliem - it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, ħarsa lejn l-istorja tas-Salvazzjoni.

***2. AIla Ii Jsalva***

(a) Il-ħolqien u l-waqgħa tal-bniedem: l-esperjenza tal-ħażen u l-messaġġ ta' Ġenesi 1-3; il-ħolqien u l-problema tal-evoluzzjoni; il-waqgħa tal-bniedem; id-Dnub Oriġinali, x'inhu d-dnub u x'inhuma l-konsegwenzi tiegħu.

(b) L-Eżodu: Jaħweh, Alla li jeħles mill-jasar u joffri ħelsien sħiħ permezz tal-Patt.

(ċ) Ġesù Kristu: il-milja tar-rivelazzjoni u tas-salvazzjoni ; ix-xhieda storika dwar Ġesu' : f'dokumenti mhux insara u fl-Evanġelji; Ġesù bħala r-rivelazzjoni sħiħa tal-proġett ta' Alla għall-iżvilupp tal-bniedem. It-tweġiba tal-bniedem għal Ġesù għażla ta' ħajja jew mewt.

***3. Il-Komunità tas-Salvazzjoni***

(a) II-Knisja: il-Poplu l-Ġdid ta' Alla, il-Ġisem ta' Kristu, is-sagrament tal-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna; l-Ispirtu s-Santu jibni l-Knisja permezz tal-Kariżmi u l-Ministeri; il-Ġerarkija (il-Papa, l-Isqfijiet, is-Saċerdoti); il-ħajja Reliġjuża. Kulħadd hu msejjaħ biex jagħmel parti mill-Knisja: l-Ekumeniżmu u l-Missjonijiet; kif l-insara għandhom ikunu membri ħajja tal-Knisja.

(b) Il-Missjoni tal-Knisja:

i.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jissokta l-ħidma tiegħu tar-rikonċiljazzjoni. Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni ma' Alla u bejnietna..

ii.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jkompli jiċċelebra l-Għid il-ġdid u li jibni l-komunità Nisranija: il-ħelsien tal-Poplu l-Ġdid ta' Alla u l-Patt il-Ġdid fid-demm ta' Kristu; l-attitudnijiet meħtieġa għal ċelebrazzjoni tal-quddiesa li tħalli l-frott . Il-Il-Jum tal-Ħadd bħala Jum iI-Mulej.

iii.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jissokta l-ħidma tiegħu ta' fejqan tal-firdiet soċjali, politiċi u razzjali u joffri ħelsien sħiħ lill- persuna tal-bniedem; il-prinċipji tat-tagħlim soċjali tal-Knisja; l-impenn tan-nisrani għall-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**B. IL-ĦAJJA TAN-NISRANI**

***1. Id-dinjità tan-Nisrani***

(a) L-importanza li l-bniedem ikollu stima tiegħu innifsu fl-iżvilupp uman. (b) Fil-Magħmudija u fil-Griżma tal-Isqof, Alla, permezz tal-Ispirtu ta' Kristu, Kjagħti d-dinjità u l-libertà ta' wlied Alla. It-tweġiba tal-bniedem.

(ċ) Marija bħala n-Nisranija ewlenija – ir-rwol ta' Marija fil-messaġġ nisrani. Fuq l-eżempju ta' Marija, n-nisrani jagħraf id-dinjità tiegħu / tagħha u jingħata / tingħata għall-qadi tal-oħrajn. .

***2. Rispett lejn il-ħajja***

(a) Il-ħajja: tal-bniedem: il-valur talħajja tal-bniedem; Alla, Sid il-ħajja, jurina fi Kristu t-triq ta' ħajja fil-milja tagħha..

(b) Fil-Knisja, Kristu jissokta jgħallem u jaħdem b'risq il-promozzjoni u l-ħarsien tal-ħajja; it-tagħlim tal-Knisja fuq il-ħajja umana: il-kontraċezzjoni, l-abort, l-ewtanasja, il-vjolenza, id-drogi, l-ekoloġija, il-kura tal-persuni bi bżonnijiet speċjali u tal-anzjani, is-sagrament tal-morda.

***3. L-ogħla valuri fil-ħajja***

(a) Il-valuri ta' Ġesù: l-imħabba bħala l-ogħla u l-aktar valur fundamentali; l-imħabba lejn Alla u l-imħabba lejn il-proxxmu; nibnu l-prijoritajiet f'ħajjitna.

(b) L-attituduni tan-nisrani lejn ix-xogħol, lejn is-sesswalità u lejn iż-żwieġ.

***4. Lejn il-ħajja ta' dejjem***

It-Tama nisranija: il-qawwa tat-tama nisranija mibnija fuq ir-rabta tan-nisrani mat-Trinità Qaddisa: il-ħajja ma' Alla - il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Il-milja ta' din il-ħajia fil-glorja.

**Testi ssuġġeriti**

1. *II-Proġett ta' Alla għal Żvilupp Sħiħ,* Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, 2000 (edizzjoni ġdida)*
2. *Il-Proġett ta' Alla f'Ħajti,* Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, 2003 (edizzjoni ġdida)*

* L-edizzjonijiet oriġinali (1994 u 1995 rispettivament) huma daqstant ieħor validi bħala testi ssuġġeriti.